**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri**

**Id-Disa' Leġislatura**

**Laqgħa Nru. 04**

L-Erbgħa, 11 ta' Settembru, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

---

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Dr Daniel Attard | - | Sindku |
| Is-Sur Sammy Saliba | - | Viċi Sindku |
| Is-Sur Emanuel Mintoff | - | Kunsillier |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - | Kunsillera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - | Kuinsiller |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Is-Sur Silvio Xerri - Segretarju Eżekuttiv

## 04.1 Talba

04.1.1 Il-laqgħa bdiet b'talba u ġiet ippreseduta mis-Sindku Dr. Daniel Attard.

## 04.2 Ittri ta' Apoloġija

04.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 04.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti;

04.3.1 Il-Minuti tal-laqgħa numru 03 li kellhom jitlestew mis-Segretarju Eżekuttiv għadhom mhux lesti għaldaqstant dawn ma ġewx approvati.

## 04.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

04.4.1 Email datata 5 ta' Settembru 2024, mingħand Events in Gozo rigward li huma ser joħorġu kalendarju għas-sena 2025 li fih ser ikun hemm imniżżla l-attivitajiet li ser isiru s-sena d-dieħla f'kull lokalita'.

04.4.2 Is-Sindku informa li hemm xi skema ta' fondi tal-Planning Authority – d-Development Planning Fund li bħala kunsill qatt ma applika għalihom. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċekja dwarha.

## 04.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

04.5.1 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba saqsa jekk kienx hemm żviluppi fuq l-applikazzjoni ta' devoluzzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li mid-Dipartiment irċieva email li jonqos xi dettalji u li ser jikkomunika mal-accountant sabiex tali dettalji jiġu mibgħuta lilhom.

04.5.2 Il-Kunsillier Emanuel Mintoff saqsa jekk nistgħux induru l-faċċata tal-kunsill. Is-Sindku nfurmah li għandu jiġi mitkellem perit sabiex jipjanta bini ġdid flok dak eżistenti peress li l-post m'għadux adattat.

## 04.6 Attivita' Traditions 2024;

04.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li saret talba sabiex il-palk jintrema' mill-Hamis. Il-Kunsilliera ma qablux peress li tingħalaq il-pjazza minn jumejn qabel u jaf ikun ta' periklu.

04.6.2 Is-Sindku saqsa li peress nhar l-attivita' ser ikun ir-riħ, jekk hux ser ikun hemm xi tibdil fis-*setup* ta' kif ser issir l-attivita'. Il-kunsilliera qablu li bħala *setup* jibqa' kollox l-istess.

04.6.3 Il-kunsillier Sammy Saliba ssuġġerixxa li wara l-palk jitpoġġa trailer u jitgħatta b'inċirata, sabiex jilqa' minħabba r-riħ. Il-kunsilliera qablu unanimament ma tali proposta.

04.6.4 Il-kantant Ivan Grech talab li jkollu *singer lyric screen* għal waqt il-*performance* tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li huwa kkomunika ma' min ser jieħu ħsieb is-sound u li ser jiġi jiswa' qrib l-erba' mitt ewro. Il-kunsilliera qablu ma tali proposta.

04.6.5 Pesuna bagħtet ittra fejn uriet l-interess tagħha li waqt l-attivita' ta' Traditions taqra xi poeżiji. Il-Kunsilliera ma qablux ma tali proposta speċjalment issa li fadal biss tlett ijiem għal tali attivita' iżda li tali proposta tista' ssir f'Jum l-Għasri.

04.6.6 Qed tiġi proposta d-data tas-Sibt 13 ta' Settembru 2025 għall-attivita' Traditions: Wine, Olive Oil and Honey tas-sena d-dieħla.

04.6.7 Il-voluntiera li jieħdu ħsieb l-event Traditons talbu li jnxtraw xi fryers sabiex jintużaw għall-istess event u għall-events li jsiru fir-raħal. Il-kunsilliera qablu unanimament li jiġabu tlett (3) kwotazzjonijiet sabiex ikunu jistgħu jinxtraw dawn il-fryers.

04.6.8 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ħaddiem mill-*Community Workers Scheme* ser jirtira mix-xogħol u għalhekk hemm bżonn li ssir talba sabiex il-Kunsill ikollu sostitut tiegħu.

## 04.7 Materji Oħra;

04.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li l-bins li hemm ġol-pjazza huma magħmula minn ħadid u minn plastic, peress li fihom il-plastik, il-ħaddied ma jistax jagħmilhom bħalhom. Il-Viċi Sindku Sammy Saliba nforma li għall-post fejn ser jitpoġġa tali dustbin ma jridx ikun kbir u għandu jkun bħal dak ta' maġenb l-knisja li hu kollu tal-ħadid. Il-kunsilliera qablu li għandu jiġi mitkellem il-ħaddied biex jagħti stima għal dustbin simili.

04.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ċċekja minħabba l-European Week for Waste Reduction, fejn ġie kkonfermat li huma din is-sena ser tkun fuq *promotion of food waste* u li tali tista' ssir anke ma xi entita' oħra. Informa wkoll li huwa kellem lil Head tal-iskola Laura Vicuna biex forsi ssir kollaborazzjoni flimkien.

04.7.3 Resident fi Triq ta' Għammar talab li jsiru *double yellow lines.* Għandhom jiġu mitkellma ta' Transport Malta għall-approvazzjoni.

04.7.4 Wara li seħħ inċident fi Triq it-Tamar, qed jintalab li jsiru sleeping police. Għandhom jiġu mitkellma ta' Transport Malta għall-approvazzjoni.

04.7.5 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba nforma li fi Triq tal-Gallina, hemm bżonn li jsiru xi rampi minħabba xogħolijiet li saru preċedentement mill-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu li għandhom isiru tali rampi.

04.7.6 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba nforma lill-kunsilliera li ġie avviċinat minn xi residenti li nfurmawh li hemm min ma qabilx mal-persuna ssuġġerita għall-premju ta' Ġieħ l-Għasri, u li tali premjazzjoni ser issir aktar tard din is-sena. Il-Kunsilliera kkonfermaw dak li ġie maqbul fil-laqgħa preċedenti, u peress li s-Sindku ser ikun imsiefer qed tiġi kkonfermata wkoll id-data tad-9 ta' Novembru 2024 għal Jum l-Għasri.

**04.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

04.8.1 Ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti numru 09-02.

**04.9 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

03.10.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 ta' filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis, 31 ta' Ottubru, 2024 fis-7:00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Dr. Daniel Attard** | **Silvio Xerri** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |